16 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Grech

## Serq — Approprjazzjoni Indebita — Appell — Impjegat — Art. 308 tal-Kodiċi Kriminali

*Hu prinċipju kardinali, aċċettat minn żmien mill-ġurisprudenza u d-dottrina, tant estera kemm lokali, illi l-konsenja tal-ħaġa timproprja s-serq; għaliex, sabiex ikun hemm serq, jeħtieġ li jkun hemm dispossessament, mentri meta jkun hemm il-konsenja tal-ħaġa jkun hemm vjolazzjoni tal-proprjetà, iżda mhux ukoll vjolazzjoni tal-pussess. Fis-serq hemm il-vjolazzjoni tant tal-proprjetà kemm tal-pussess.*

*Imma jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali fejn il-konsenja ma timproprjax is-serq, fosthom dak meta l-konsenja tkun ġenerali. Jekk tkun speċjali, allura jkun hemm approprjazzjoni indebita. Għalhekk, fil-każ ta' bniedem li lilu tiġi konsenjata kwantità ta' petrol biex jikkonsenjaha band'oħra, hemm konsenja b'affidament partikulari; u jekk hu japproprja ruħu minn xi parti minn dak il-petrol sakemm jiġi biex jikkonsenjah, l-att tiegħu jammonta mhux għal serq, imma għal approprjazzjoni indebita. Kieku ma' dak il-bniedem kien hemm xi ħadd mibgħut minn sid il-petrol biex jissorvelja waqt it-trasport tal-petrol, din iċ-ċirkustanza kienet telimina t-titolu tal-approprjazzjoni indebita; għaliex kienet tispiċċa l-fiduċja, u kien jispiċċa t-tradiment tagħha, li hu l-bażi tat-truffa.*

*Jekk il-Maġistrat ikun ikkundanna l-imputat għal serq u dan jappella, u l-Qorti tal-Appell issib li kien każ ta' approprjazzjoni indebita, mhix aċċettabbli l-allegazzjoni tal-imputat fis-sens illi, ladarba t-titolu mhux ta' serq, allura l-imputat għandu jiġi assolt għal kollox għax it-titolu tar-reat ma jistax jitbiddel fl-appell; l-ewwelnett, għaliex ir-reat ta' approprjazzjoni indebita hu kompriż u nvolut fl-imputazzjoni ta' serq; u t-tieni, għaliex, jekk mill-parti konsiderativa tas-sentenza jidher li*

*l-Maġistrat investa din il-kwistjoni in kwantu ddikjara li fl-opinjoni tiegħu kien hemm konsenja ġenerali, b'mod li kien hemm serq u mhux approprazzjoni indebita, id-doppju eżami tal-kwistjoni ma jkunx jonqos fil-każ.*

*Jekk l-oġġett ikun ġie fdat lill-imputat bħala impjegat, ir-reat huwa aggravat skond il-liġi; u hu persegwibbli "ex officio".*

Il-Qorti; — Rat in-nota tal-Attorney General tal-10 ta' Diċembru 1956, li biha l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat ġew rinvijati lill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, biex tiddeċidi fuq il-ħtija li tista' tirriżulta kontra l-imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 274(d), 281(a)(d), u 294(a) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè li żamm kwantità ta' petrol iżjed minn tnax il-gallun mingħajr liċenza tal-Gvernatur; barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Diċembru 1956, li biha sabet lill-imputat ħati ta' serq, kwalifikat bil-persuna, ta' kwantità ta' petrol li ma jiswiex aktar minn £3, u fit-tieni lok ħati talli kellu fil-pussess tiegħu kwantità ta' petrol aktar minn tnax il-gallun mingħajr liċenza tal-Gvernatur, u lliberatu taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali għall-ewwel reat, u kundannatu għall-ammenda ta' £5 għat-tieni reat; u ordnat il-konfiska tal-petrol kollu eżibit u tar-reċipjenti li fihom kien kontenut, barra minn tnax il-gallun li l-imputat kien awtorizzat iżomm mingħajr liċenza;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għandu jiġi osservat li proprjament kien imissha ntalbet ir-riforma, mhux ir-revoka tas-sentenza, ġa ladarba, kif jidher mir-rikors tal-appell, ebda gravam ma hu qiegħed jiġi dedott għar-rigward tat-tieni imputazzjoni, ta' pussess ta' kwantità ta' petrol aktar minn tnax il-gallun bla permess;

L-argument tad-difiża hu fis-sens li, ġuridikament, il-fatti addebitati lill-imputat kienu jammontaw mhux għal serq, imma għal approprjazzjoni indebita. Fl-appell l-imputazzjoni ma tistax titbiddel, u per konsegwenza, tkompli ssostni d-difiża, hemm lok għal assolutorja inkondizzjonata tal-appellant;

Il-fatti akkwiżiti għall-proċess, u mhux kontrastati mid-difiża, huma brevement dawn: l-imputat hu impjegat bħala driver mal-awtoritajiet navali tad-Dockyard, u fil-jum imsemmi fl-imputazzjoni kien qiegħed isuq, b'inkariku ta' dawk l-awtoritajiet, truck navali bit-tank tal-petrol; u minn dan il-petrol, li kellu jikkonsenja skond l-istruzzjonijiet lilu mogħtija, l-appellant abużivament żvojta erba' galluni ġo reċipjenti fil-garage tiegħu;

**Ikkunsidrat;**

Hu prinċipju kardinali, aċċettat minn żmien mill-ġurisprudenza u dottrina, tant estera kemm lokali, li l-konsenja tal-ħaġa timproprja s-serq; għaliex, sabiex ikun hemm serq, jeħtieġ li jkun hemm id-dispossessament, mentri, meta jkun hemm il-konsenja tal-ħaġa, ikun hemm vjolazzjoni tal-proprjetà, iżda mhux vjolazzjoni wkoll tal-pussess. Fis-serq hemm il-vjolazzjoni tant tal-proprjetà kemm tal-pussess. Kif josserva l-Carrara, din id-distinzjoni hija indistruttibili, għaliex tirrispekkja verità ontoloġika;

Kif ġie osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kolleġjalment kostitwita, "Rex. vs. Pisani", 2 ta' Diċembru 1941, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali fejn il-konsenja ma timpropriax is-serq. Fost dawn il-każijiet hemm dak

meta l-konsenja tkun ġenerali. Jekk tkun speċjali, allura jkun hemm approprjazzjoni indebita;

Milli jidher, l-ewwel darba li ddelineat ruħha fil-ġurisprudenza din id-distinzjoni bejn konsenja ġenerali u konsenja speċjali kienet fl-okkażjoni ta' sentenza li ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Cassazione ta' Torino fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju 1871. Fid-dottrina, però, id-distinzjoni kienet saret qabel mill-Professur Kitka, f'dissertazzjoni li tinsab *publikata* fl-"Eco dei Tribunal" fis-sena 1859, n. 881; u ġiet propunjata anki mil-Jenull, fl-istess sena, fl-istess rivista, n. 880. Kriminalisti l-aktar awtorevoli, bħal Carrara, Maino, u oħrajn, abbraċċjaw it-teorija hekk mantenuta, li sabet anki favur fir-Relazzjoni Ministerjali fuq il-Proġett tal-1887 tal-Kodiċi Kriminali Taljan, n. CLXXIII;

L-Ewwel Qorti, fil-każ preżenti, affermat is-serq; għaliex irriteniet li l-konsenja kienet ġenerali. Din il-Qorti ma tikkonkorrix f'din l-opinjoni, u taħseb, inveċe, li l-konsenja kienet speċjali;

Biżżejjed li wieħed, infatti, jeżemplifika ċerti każijiet li ffurmaw l-oġġett ta' studju dottrinali, biex jippropendi għall-konsenja speċjali fil-każ preżenti;

Fil-każ ta' seftur li jaħdem ġo dar ikun hemm il-konsenja ġenerali tal-oġġetti li jkun hemm ġod-dar; għaliex dawk l-oġġetti kollha ma ġewx lilu partikolarment konsenjati, bħala konfidenza speċjali u appożita relativa għalihom, imma bħala konsegwenza neċessarja u inevitabbli tas-servizz tiegħu. Jekk jisraq xi oġġetti minnhom f'dawk il-kontinġenzi, ikun hemm it-titolu ta' serq għax il-konsenja hi ġenerali. Imma jekk il-padrun jikkonsenjalu b'mod partikulari xi arġenteriji biex dan jieħu ħsieb inaddafhom u jżommhom għandu sabiex joħroġhom f'xi okkażjoni speċjali ċelebrata fid-dar, allura, peress li hemm konfidenza speċjali "ad hoc", u determinazzjoni volontarja "ad hoc" relativa għal dawk l-arġenteriji,

jekk is-seftur joħodom, ir-reat mhux dak ta' serq, imma ta' approprjazzjoni indebita, għaliex is-seftur kellu responsabilità partikulari relativa għal dawk l-oġġetti lilu partikolarment konsenjati;

Hekk ukoll, jekk ħaddiem, li jkun qiegħed jippresta l-opera tiegħu fl-opifiċju tal-padrun, jieħu xi għodod, allura, jekk dawn ikunu l-għodod partikolarment konsenjati lilu biex jaħdem bihom, ir-reat hu ta' approprjazzjoni indebita; imma jekk ikun mhux dawk, imma oħrajn li kienu fl-opifiċju u li kienu konsenjati lilu biss b'mod ġenerali, għarraġuni biss li kien jaħdem f'dak il-post, ir-reat hu dak ta' serq;

Hekk ukoll, jekk impjegat ferrovjarju jieħu oġġetti lilu konsenjati minħabba li jridu jiġu trasportati bil-ferrovija, jikkommetti serq, għaliex id-disponibilità materjali ta' dawk l-oġġetti ma kienetx l-effett ta' xi affidament speċjali b'titolu partikulari, imma kienet l-effett tal-konsenja ġenerali inerenti għan-neċessitajiet tas-servizz ferrovjarju;

Każ ieħor, prospettat fil-kors tal-istudji dottrinali, hu dak tal-pazjent fi sptar, li jaħrab u jieħu miegħu xi ħwejjeġ tal-isptar. Il-Carrara jiddistingwi; jekk jieħu oġġetti li kienu l-vestjarju lilu konsenjat, allura dan ikun approprjazzjoni indebita, għaliex hu jkun qiegħed jippossjedi dawk l-oġġetti "uti commodatarius"; jekk, però, jieħu l-lożor jew oġġetti oħra li kienu fil-kamra, bla ma kienu lilu konsenjati b'affidament partikulari, allura dan hu serq;

Issa, f'dan il-każ, il-petrol li kien f'dak it-tank ta' dak it-truck, ġie konsenjat lill-imputat b'affidament partikulari Ma kienx petrol li, bla ma kien konsenjat partikolarment lilu, kien aċċessibbli għalieħ minħabba s-servizz tiegħu fil-postijiet ta' depożitu fejn kien jaħdem. Kien hemm konsenja speċjali, li kienet timplika responsabilità partikulari tiegħu għal dak il-petrol f'dak it-tank ta' dak it-truck. Għalhekk il-konsenja kienet speċjali;

Ikkunsidrat;

Għandu jiżdied li ma jirriżultax li mal-imputat fuq it-truck hemm xi ħadd mibgħut mis-sid biex jissorvelja. Kieku kien hekk, dan kien jelimina t-titolu ta' approprjazzjoni indebita, għaliex kienet tispiċċa l-fiduċja u kien jispiċċa t-tradiment tagħha, li hu bażi tat-truffa. Dan il-każ kien ikun wieħed minn dawk eċċettwati fis-sentenza "Pisani" fuq imsemmija;

*Ikkunsidrat;*

Id-difiża sostniet li, ġa ladarba t-titolu mhux serq, għalhekk, peress li t-titolu tar-reat ma jistax jitbiddel f'din is-sedi, l-imputat għandu jiġi assolt għal kollox;

Il-Qorti ma ssibx korretta din id-deduzzjoni defensjonali. U dan għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, għaliex ir-reat ta' approprjazzjoni indebita hu kompriż u nvolut fl-imputazzjoni ta' serq. *Fid-Dritt Ruman ma kienetx issir distinżjoni* bejn serq proprju u serq improprju, għalkemm kienet tirrażentaha d-distinzjoni bejn serq manifest u serq mhux manifest, li kienet issir f'dawk il-liġijiet. Imma l-prattiċi, miż-żmienijiet antiki ferm, introduċew il-prattika, ormaj aktar minn sekolari, li fejn ma hemmx vjolazzjoni tal-pussess ma hemmx serq proprju, imma serq improprju, u familja sħieħa ta' reati ġew miġburin taħt din il-kategorija ta' serq improprju. It-tieni, għaliex mill-parti konsiderativa tas-*sentenza appellata jidher li l-Maġistrat investa din il-kwist*joni, in kwantu ddikjara li fl-opinjoni tiegħu kien hemm konsenja ġenerali, b'mod li kien hemm serq u mhux approprjazzjoni indebita, u għalhekk id-doppju eżami tal-kwistjoni ma jkunx jonqos f'dan il-każ;

Peress li l-petrol ġie fdat lill-imputat bħala impjegat, għalhekk ir-reat hu aggravat skond l-art. 308 Kap. 12, u persegwibili "ex officio";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell fis-sens biss li tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat ħati in bażi għall-art. 307 u 308, mhux ta' serq, iżda ta' approprjazzjoni indebita kwalifikata, ta' erba' galluni petrol li ma jiswewx aktar minn £3, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjaratu ħati ta' serq; iżda tikkonferma s-sentenza fil-bqija tagħha, ċjoè fil-liberazzjoni kondizzjonali relativament għad-dikjarazzjoni ta' reità fuq l-ewwel imputazzjoni, li hi issa dik ta' approprjazzjoni indebita, tikkonfermaha fil-kundanna dwar it-tieni imputazzjoni, u fl-ordni tal-konfiska.